Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Louis Fresta

Vs

Maximiliano Genova

CCT 112/24/MM

Illum, 21 ta' April 2026

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ippreżentat fil-25 ta' Mejju 2024 fejn talbet is-somma ta' tlett elef u żewġ ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€3,002.78), f'danni rappreżentanti xogħolijiet mhux imwettqa minnu, xogħolijiet mhux imwettqa skont is-sengħa u l-arti kif ukoll danni subiti mill-attur għal inkarigu għal darb' oħra ta' ħaddieħor li dan ser ikollu jingaġġa għat-tlestija tax-xogħolijiet.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal eżamina bir-reqqa l-atti kollha tal-kawża, inklużi d-dikjarazzjonijiet tal-partijiet, id-dokumentazzjoni prodotta u r-rapport tekniku tal-perit, kif ukoll il-provi fotografiċi li jakkumpanjawh. Illi l-preżenti kawża toriġina minn tilwima bejn ir-rikorrent Louis Fresta u l-intimat Maximiliano Genova fir-rigward ta' xogħlijiet ta' plumbing,

installazzjonijiet elettriċi u finitura li kellhom jitwettqu f'kamra tal-banju fil-proprjetà tar-rikorrent fiż-Żejtun. Mill-provi jirriżulta li bejn il-partijiet ġie konkluż ftehim sabiex l-intimat iwettaq dawn ix-xogħlijiet għal prezz li jaqbeż l-erbat elef ewro, u li parti mill-ħlas kienet diġà saret mill-bidu u matul l-eżekuzzjoni tax-xogħol.

Illi r-rikorrent jallega li x-xogħlijiet ma sarux skont is-sengħa u l-arti u li kienu neqsin minn ippjanar u koordinazzjoni, b'mod li rriżultaw f'numru sostanzjali ta' difetti li jmorru lil hinn minn sempliċi imperfezzjonijiet estetiċi. Huwa jsostni li l-intimat impjegata ħaddiema mingħajr il-kompetenza meħtieġa u li x-xogħol sar b'mod improvizzat u mhux sistematiku, mingħajr ma ġew osservati l-passi loġiċi u tekniċi li dan it-tip ta' xogħol jitlob.

Illi r-rikorrent jistrieħ wkoll fuq rapport dettaljat tal-perit Jonathan Mizzi datat 23 ta' Mejju 2024, li jispeċifika diversi nuqqasijiet serji, fosthom il-fatt li ma sarx il-konnessjoni neċessarja tal-pajp tad-drenaġġ tal-WC qabel ma beda t-tiling, li l-conduits elettriċi ġew installati b'mod mhux konformi mal-istandards u bl-użu ta' materjal mhux adatt, u li ġew magħmula interventi fil-ħitan mingħajr il-protezzjoni u l-irfinar meħtieġa, b'riskju ta' perkolazzjoni ta' ilma u ħsara strutturali. Illi fir-rigward tax-xogħol tal-finitura, ir-rapport tal-perit u l-evidenza fotografika juru li l-madum ma ġiex imqiegħed b'mod livellat, li l-underlay ma kienx kompatt kif suppost, li ma ntużawx spacers biex jiġi żgurat spacing uniformi, u li ntużat kwantità eċċessiva u mhux uniformi ta' adeżiv. Ġie osservat ukoll li l-madum inqata' b'mod irregolari u mhux skont il-metodi u l-għodod xierqa, li jwassal għal finitura inferjuri u mhux aċċettabbli.

Illi min-naħa tiegħu, l-intimat jikkontesta dawn l-allegazzjonijiet u jsostni li x-xogħlijiet saru skont l-istruzzjonijiet mogħtija lilu mir-rikorrent u li kwalunkwe nuqqas ma jistax jiġi attribwit lilu. Huwa jikkontesta wkoll il-valur probatorju tar-rapport tal-perit, billi jargumenta li dan huwa bbażat fuq suppożizzjonijiet u li ma jistax jitqies bħala prova

determinanti. Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-intimat jinvoka l-prinċipju, sostnut fil-ġurisprudenza Maltija, li dokument li jinkludi opinjoni teknika mhux mogħtija taħt ġurament ma jistax waħdu jservi bħala prova sħiħa tal-fatti li fih jinsabu. Huwa jargumenta li tali rapport għandu, fl-aħjar każ, valur limitat u ma jistax jifforma l-bażi unika ta' kundanna ta' ħtija fil-konfront tiegħu.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"* waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

It-Tribunal iqis li l-kwistjoni fundamentali li trid tiġi deċiża hija jekk ix-xogħlijiet imwettqa mill-intimat kinux konformi mal-obbligi kuntrattwali tiegħu u mal-istandards tekniċi applikabbli, u jekk ir-rikorrent ipprovax li d-difetti allegati huma reali u attribwibbli għall-intimat.

Fir-rigward tal-provi, it-Tribunal jinnota li r-rikorrent jistrieħ esklussivament u jagħti piż konsiderevoli lir-rapport tal-perit *ex parte*, li huwa dokument tekniku redatt minn professjonist kwalifikat wara spezzjoni fuq il-post. Ir-rikorrent jargumenta li dan ir-rapport ma jikkonsistix f'sempliċi opinjoni, iżda jippreżenta osservazzjonijiet konkreti u speċifiċi dwar l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet, li huma wkoll sostnuti minn evidenza fotografika dettaljata. Isostni li minkejja li kellu l-opportunita', l-intimat, minkejja li jikkontesta dan ir-rapport, ma ppreżentax prova teknika alternattiva jew esperta li tikkontradixxi b'mod sostanzjali l-konklużjonijiet tiegħu.

It-Tribunal jaqbel li l-prinċipju inċitat mill-intimat jirrifletti pożizzjoni stabbilita fid-dritt tal-prova, kif jirriżulta wkoll mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, li jagħti preferenza lil prova mogħtija taħt ġurament. Huwa prinċipju konsolidat li, għalkemm rapport tekniku mhux ġuramentat jista' jiġi ammessa bħala parti mill-atti tal-kawża, tali rapport ma jistax waħdu jservi bħala prova determinanti tal-fatti li fih jinsabu, iżda jista' biss jikkostitwixxi adminikulu ta' prova li għandu jiġi evalwat flimkien ma' provi oħra indipendenti. Illi fir-rigward tal-argument tar-rikorrent ibbażat fuq dispożizzjonijiet tal-liġi tal-konsumatur, it-Tribunal iqis li, għalkemm il-proċeduri quddiem dan it-Tribunal huma inqas formali u jippermettu ċertu flessibbiltà fl-ammissjoni tal-provi, tali dispożizzjonijiet ma jistgħux jiġu interpretati b'mod li jeliminaw jew jissostitwixxu r-regoli fundamentali tal-prova. Għaldaqstant, rapport tekniku mhux mogħti taħt ġurament ma jistax jingħata valur probatorju sħiħ sempliċement abbażi tal-liġi tal-konsumatur.

Illi fil-każ odjern, it-Tribunal josserva li r-rikorrent ma ppreżentax prova teknika taħt ġurament jew evidenza indipendenti li tikkorroborah il-kontenut tar-rapport tal-perit. Id-dikjarazzjoni tar-rikorrent, bħala parti interessata, ma tistax waħedha timla din il-lakuna probatorja. Fin-nuqqas ta' tali prova, it-Tribunal ma jistax jasal, fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, għall-konklużjoni li x-xogħlijiet kienu difettużi kif allegat.

Illi mhux biżżejjed li parti sempliċement tqajjem allegazzjonijiet serji; hija għandha tistabbilixxihom b'evidenza li tkun oġġettiva, kredibbli u suffiċjenti sabiex tilħaq il-livell ta' prova meħtieġ fuq bilanċ ta' probabbiltajiet. Fejn il-prova tkun nieqsa jew insuffiċjenti, it-Tribunal ma jistax jissostitwixxi tali nuqqas permezz ta' suppożizzjonijiet jew inferenzi li ma jkunux sostnuti mill-provi. Għalhekk f'nuqqas ta' tali prova korroborattiva, ir-rapport tal-perit jibqa' opinjoni teknika ex parte li, għalkemm tista' tassisti lit-Tribunal, ma tistax waħedha tifforma l-bażi ta' kundanna.

Illi fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-12 ta' Ortubru 2022 fl-ismijiet **Carmen Gauci et al vs Perit Anthony Fenech Vella et** il-Qorti qalet "*F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-14 ta' Novembru 2002 fl-ismijiet L-Avukat Dr. Jose' A. Herrera nomine vs Alfred Pace et nomine fejn fir-rigward ta' dokument mhux ikkonfermat minn min irrediġieh il-Qorti għamlet referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta' Ottubru 1983 fil-kawża fl-ismijiet Xuereb vs Callus fejn ġie stabbilit li jekk id-dokument esebit ma jiġix ikkonfermat bil-ġurament "ma jiswiex bhala prova tal-kontenut tieghu".*

Għaldaqstant, minkejja l-allegazzjonijiet serji mressqa mir-rikorrent, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-oneru tal-prova ma ġiex sodisfatt u li l-pretensjonijiet tiegħu ma ġewx stabbiliti b'mod suffiċjenti fil-liġi u f'dawn iċ-ċirkostanzi, it-Tribunal ma jistax jikkonkludi li

verżjoni waħda hija iktar probabbli mill-oħra fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet. Dan iktar u iktar fid-dawl tal-verbal tal-10 ta' Dicembru 2024 fejn dan it-Tribuanl ta l-opportunita' lir-rikorrenti sabiex jekk ihoss li hu l-kaz jahtar perit tekniku, liema talba qatt ma giet imressqa lit-Tribunal.

Deċiżjoni

Għal dawn ir-raġunijiet, it-Tribunal jiddeċiedi li jiċħad it-talba tar-rikorrent.

L-ispejjez ta' din is-sentenza jibqghu bla taxxa bejn il-paritjiet.

Avv. Dr Martha Mifsud

Arbitru